Kunsill Lokali L-Għasri
6, Triq Dun Karm Caruana, L-Għasri GSR 1021
Tel: 21558686 Fax: 21558655 email: ghasri.lc@gov.mt

*Ref. Nru. VII/08*

Minuti tal-Laqgħa Nru. 08 tal-Kunsill Lokali L-Għasri (is-Seba' Terminu), li nżammet nhar l-Erbgħa 30 ta' Ottubru, 2013 fis-7.00p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

Il-laqgħa kienet presjeduta mis-Sindku l-Av. Daniel Attard.

Membri oħra tal-Kunsill li kienu preżenti :

| | |
|---|---|
| Is-Sur Emmanuel Mintoff | Viċi Sindku |
| Is-Sur Joseph Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sinjura Alexandra Maria Mifsud | Kunsilliera |

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Kunsillier Frank Formosa jinsab imsiefer u għalhekk mhux qed jattendi għal din il-laqgħa. Il-Kunsill unanimament qabel li l-Kunsillier Formosa għandu jkun skużat milli jattendi din il-laqgħa.

## 1. Talba

Fil-bidu tal-laqgħa s-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsillieri qalu t-talba.

## 2. Qari u approvazzjoni tal-Minuti 7-07

Inqraw il-Minuti tal-Laqgħa preċedenti, ġew approvati unanimament u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 3. Mill-Minuti 7-07

3.01 **Paragrafu 5.07 –** Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-lokalita' tagħna ġiet ippremjata minn Greenmt bħala l-aktar lokalita li ġabret skart riċiklabbli (per capita). Għal dan il-għan Greenmt organizzaw attivita fejn is-Sindku irċieva t-trofew f'isem ir-residenti ta' L-Għasri minn għand il-Ministru l-Onor. Leo Brincat. Is-Sindku informa lill-Kunsill li huwa ħa din l-opportunita sabiex jitkellem mad-Direttur ta' Greenmt is-Sur Joe Attard dwar il-problema tal-ġbir ta' ħġieġ riċiklabbli li kien qed isir nhar ta' Ħamis iżda l-iskema twaqqfet ftit tal-ġimgħat ilu. Peress li waqt l-attivita' ma kienx possibbli li issir diskussjoni dwar dan, is-Sur Attard informa lis-Sindku li se jagħmel appuntament biex jiltaqgħu malajr kemm jista' jkun. Għalhekk aktar 'l quddiem għandha issir laqgħa biex jiġi diskuss dan is-suġġett.

**4. Attivitajiet fi żmien il-Milied**

Il-Kunsill qabel li għandna norganizzaw l-attivitajiet kollha li jsiru ta' kull sena f'dan iż-żmien. L-attivitajiet isiru fis-sala parrokkjali u fil-Museum. Ser isir party għat-tfal, attivita għal kulħadd u oħra għall-anzjani. Il-librara Marvic Attard Briffa se tkun inkarigata biex tieħu ħsieb li jittellgħu dawn l-attivitajiet. Is-Sindku u l-membri kollha tal-Kunsill se jagħtu l-għajnuna tagħhom. Il-Kunsill qabel ukoll li għandna nagħmlu tiżjin tal-Milied fi Pjazza s-Salvatur u fi Triq Dun Karm Caruana. Is-Sindku informa lill-Kunsill li t-tiżjin dekorattiv ser isir mill-Għaqda tal-Armar tal-Festa.

**5. Tiġdid ta' offerta – Rendering of Services**

*F'dan il-ħin il-Viċi Sindku iddikjara interess pekunjarju u għalhekk ma ħax sehem fid-diskussjoni.*

L-offerta dwar Rendering of Services ta' A&E Mintoff Co Ltd tagħlaq l-ewwel sena fl-aħħar ta' Diċembru 2013. Għalhekk din l-offerta tista' tiġġedded għal sena oħra sa massimu ta' tlett snin jiġifieri sa Diċembru tas-sena 2015. Il-Kunsill qabel unanimament li għandna inġeddu din l-offerta għal sena oħra u għalhekk se tkun tagħlaq fl-aħħar ta' Diċembru 2014.

**6. Kwotazzjonijiet 2013-01/02/03**

6.01 **Kwotazzjoniji 2013-01** – Online Streaming tal-laqgħat tal-Kunsill Lokali. Fil-kaxxa tal-kwotazzjonijiet sal-ħin tal-egħluq kienu intefgħu żewġ kwotazzjonijiet. Dawn huma ta' AG Web Solutions (€4,590.20 – one year streaming u €250 kull sena għall-maintenance agreement) u ta' Correct Termination Ltd (€5,251.00 – four years streaming u €147.50 kull sena għall-maintenance agreement). Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-ammont ikkwotat fiż-żewġ kwotazzjonijiet huwa aktar mill-massimu ta' kemm tista' tkun kwotazzjoni (€4,658.74). Għalhekk ikun meħtieġ li tinħareġ offerta (tender). Il-Kunsill innota li l-ammont ta' €2,300 li se jingħata mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali mill-iskema għall-fondi speċjali ikun ta' darba u lanqas ikopri l-ispejjeż kollha involuti biex tiġi installata u titħaddem din is-sistema. Għalhekk il-Kunsill qabel unanimament li jekk ma jingħatax il-fondi kollha meħtieġa m'għandux jagħmel online streaming tal-laqgħat tal-Kunsill. Il-Kunsill m'għandux il-fondi meħtieġa biex iħaddem din is-sistema u għalhekk ġie deċiż li għalissa m'għandix tinħareġ sejħa għall-offerta. Il-Kunsill qabel li m'għandha tiġi aċċettata ebda kwotazzjoni minn dawk mitfugħa.

*F'dan il-ħin il-Viċi Sindku iddikjara interess pekunjarju u għalhekk ma ħax sehem fid-diskussjoni.*

6.02 **Kwotazzjoniji 2013-02** – Restoration of St Paul Statue Pedestal - Fil-kaxxa tal-kwotazzjonijiet sal-ħin tal-egħluq kienet intefgħet kwotazzjoni waħda. Il-kwotazzjoni hija ta' Anthony Mintoff (Option A €7,671.00 u Option B €7,816.00). Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-ammont ikkwotat huwa aktar mill-massimu ta' kemm tista' tkun kwotazzjoni (€4,658.74). Is-Sindku ippropona li m'għandux isir ix-xogħol kollu kif propost fil-kwotazzjoni. Il-Kunsill qabel li għandu jagħmel dak ix-xogħol biss li jista' jagħmel finanzjarjament peress li mill-fond speċjali għar-restawr ta' postijiet storiċi se jingħata l-ammont ta' €3,500 għal kull statwa/pedestal. Il-Kunsill qabel li għandu jagħmel l-ewwel fażi biss tax-xogħol. Il-Kunsill qabel li jekk fil-futur ikollu l-finanzi biex jitkompla dan il-proġett tkun tista' tinħareġ sejħa mill-ġdid

għall-offerti/kwotazzjonijiet għall-fażijiet l-oħra. Għalhekk il-Kunsill qabel unanimament li l-kwotazzjoni ta' Anthony Mintoff għandha tiġi aċċettata u jsir ix-xogħol tal-ewwel fażi biss. B'hekk l-ammont ta' din il-kwotazzjoni mhux ser ikun ta' aktar minn €4,658.74. Is-Sindku se jikkordina mal-Kuntrattur biex isir ix-xogħol kif propost.

*F'dan il-ħin il-Viċi Sindku iddikjara interess pekunjarju u għalhekk ma ħax sehem fid-diskussjoni.*

6.03 **Kwotazzjoniji 2013-03** – Restoration of St Peter Statue Pedestal - Fil-kaxxa tal-kwotazzjonijiet sal-ħin tal-egħluq kienet intefgħet kwotazzjoni waħda. Il-kwotazzjoni hija ta' Anthony Mintoff (Option A €7,671.00 u Option B €7,816.00). Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-ammont ikkwotat huwa aktar mill-massimu ta' kemm tista' tkun kwotazzjoni (€4,658.74). Is-Sindku ippropona li m'għandux isir ix-xogħol kollu kif propost fil-kwotazzjoni. Il-Kunsill qabel li għandu jagħmel dak ix-xogħol biss li jista' jagħmel finanzjarjament peress li mill-fond speċjali għar-restawr ta' postijiet storiċi se jingħata l-ammont ta' €3,500 għal kull statwa/pedestal. Il-Kunsill qabel li għandu jagħmel l-ewwel fażi biss tax-xogħol. Il-Kunsill qabel li jekk fil-futur ikollu l-finanzi biex jitkompla dan il-proġett tkun tista' tinħareġ sejħa mill-ġdid għall-offerti/kwotazzjonijiet għall-fażijiet l-oħra. Għalhekk il-Kunsill qabel unanimament li l-kwotazzjoni ta' Anthony Mintoff għandha tiġi aċċettata u jsir ix-xogħol tal-ewwel fażi biss. B'hekk l-ammont ta' din il-kwotazzjoni mhux ser ikun ta' aktar minn €4,658.74. Is-Sindku se jikkordina mal-Kuntrattur biex isir ix-xogħol kif propost.

## 7. Korrispondenza

7.01 Memo 23/2013 – Leap-Building the Future Together promoting Social Mobility.

7.02 Memo 24/2013 – Bank Deposit Slips.

7.03 Memo 25/2013 – Skema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet 2013-2014. Is-Sindku ippropona li għandna napplikaw għall-fondi minn din l-iskema. Il-Kunsill qabel mal-proposta tas-Sindku. Is-Sindku se jikkordina sabiex timtela l-applikazzjoni.

7.04 Memo 26/2013 – Ambaxxatur taż-Żgħażagħ fil-Kunsill Lokali. Il-Kunsill iddiskuta dan is-suġġett fit-tul. Il-Kunsill qabel unanimament li ż-żagħżugħ Mario Mizzi għandu jiġi magħżul bħala Ambaxxatur taż-Żgħażagħ ta' L-Għasri.

7.05 Richard Rogers informa lill-Kunsill li se jippubblika ktieb li se jkun jinkludi tagħrif u ritratti dwar L-Għasri. Huwa talab l-għajnuna tal-Kunsill biex il-ktieb ikun jista' jiġi ippubblikat. Il-Kunsill qabel li għandna nixtru ftit kotba biex jingħataw bħala tifkira meta jkolna xi attivita kif ukoll biex jitpoġġew fil-librerija tal-Kunsill.

7.06 Sr Antoinette Pace, Kap tal-Iskola Luara Vicuna, talbet biex jerġgħu jinżebgħu sinjali ta' parking għall-minibuses li jwaslu u jieħdu lura lit-tfal tal-istess skola. Is-Sindku informa lill-Kunsill li Transport Malta ġew avżati dwar din il-proposta u fil-fatt diġa saru s-sinjali u anke tabella li tindika l-ħinijiet biex il-parking ikun riservat għall-minibuses.

7.07 Il-Gozo Action Group (GAG) infurmaw lill-Kunsill li l-applikazzjoni dwar Measure 125 hija valida u kisbet il-punti meħtieġa. Fil-fatt kisbet l-għola punti

minn fost l-applikanti kollha. Il-Kunsill kien applika għall-fondi biex Triq tal-Gallina tingħata kisja bil-konkos. Il-GAG għandhom jinfurmaw lill-Kunsill meta jkun jista' jibda l-proċess ta' ħruġ ta' offerta u tax-xogħol.

7.08 L-AKL infurmat lill-Kunsilli Lokali li ser issir il-laqgħa għall-Kunsillieri kollha ta' Malta u Għawdex nhar is-Sibt 7 ta' Diċembru. Għal din il-laqgħa ikunu mistiedna s-Sindki, Viċi Sindki u l-Kunsillieri kollha. Il-laqgħa ser issir fil-lukanda Dolmen Resort, il-Qawra Malta.

7.09 Il-Perit Audrey Testaferrata De Noto minn Transport Malta infurmat lill-Kunsill li diversi proposti tat-traffiku ġew approvati. Il-proposti kienu biex jeħlu tabelli 'No Entry for Heavy Vehicles Except to Render a Service and For Access' u jsiru sinjali sofor fil-bidu ta' Triq il-Gonna, biex issir 'Stop' fi Pjazza s-Salvatur kantuniera ma' Triq Dun Karm Caruana, biex isiru 'Stop' u 'Slow' fi Triq il-Knisja u Triq il-Wilġa u biex issir 'Stop' u isiru sinjali sofor fi Triq il-Fanal kantuniera ma' Triq Għammar. Il-Kunsill qabel li għandna nitolbu lil ħaddiema tal-Works Division responsabbli mill-marki tat-traffiku biex jassistu lill-Kunsill biex isiru ix-xogħlijiet meħtieġa. Il-Kunsill qabel li għandna nordnaw it-tabelli tat-traffiku li huma meħtieġa biex dawn isiru.

7.10 Il-Moviment Kerygma informa lill-Kunsill li se jorganizza l-Premju Żagħżugħ tas-Sena. Mal-ittra bagħtu wkoll ir-regolamenti u formoli ta' applikazzjoni għal nominazzjonijiet li jagħlqu l-Ġimgħa 29 ta' Novembru 2013.

7.11 Isabella Camilleri Aquilina mid-Dipartiment Għall-Gvern Lokali bagħtet informazzjoni addizzjoniali ma' Memo 17/2013 dwar live streaming tal-laqgħat.

7.12 Josette Camilleri mill-Agenzija Żgħażagħ bagħtet informazzjoni dwar il-Kunsill Lokali Żgħażagħ.

**8. Ħlas ta' Kontijiet**

Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti nru 7-08 biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

**9. Materja oħra**

9.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li kellu laqgħa mal-Kumitat tal-Festa u iddiskutew dwar il-possibilta' li isir l-innu l-kbir għar-raħal ta' L-Għasri. Is-Sindku ippropona li l-Kunsill għandu jkollu d-drittijiet fuq dan l-innu. Il-Kunsill qabel mal-proposta tas-Sindku. Is-Sindku ser ikompli jikkordina mal-Kumitat tal-Festa dwar dan.

9.02 Sitt studenti li jattendu skejjel sekondarji (tal-Knisja) applikaw biex jużaw it-trasport li se jkun organizzat peress li m'hemmx trasport pubbliku. Kif maqbul fl-aħħar laqgħa, il-Kunsill se jissussidja t-trasport.

9.03 Is-Sindku informa lill-Kunsill li kien irċieva ilment dwar arblu u wires tal-Enemalta li hemm fejn il-latrina pubblika. Il-wires għaddejjin eżatt minn fuq siġra li issa kibret u għalhekk dawn iridu jiġu imħarka. Barra minn hekk l-arblu li huma marbutin miegħu qiegħed fi stat ħażin u perikoluż. Għalhekk dan il-każ ġie irrapportat lill-Enemalta li minn naħa tagħhom diġa ħadu l-passi biex ineħħu l-arblu u jwaħħlu ieħor f'post aħjar.

9.04 Josephine Attard ta’ 8 Triq Salvu Gambin, talbet biex teħel mera tat-traffiku fl-istess triq faċċata tal-post tagħha. Il-Kunsill qabel li għandna immorru fuq il-post biex naraw jekk tistax issir.

9.05 Is-Sindku ippropona li nixtru arbli biex ikunu jistgħu jintużaw mill-Kunsill meta isiru attivitajiet u anke meta jsir tiżjin fil-pjazza fi żmien il-Milied. Il-Kunsill qabel mal-proposta tas-Sindku.

9.06 Is-Sindku informa lill-Kunsill li irċieva suġġeriment sabiex issir bus stop ġdida fi Triq Għammar viċin ta’ Triq il-Fenek. Il-Kunsill qabel li għandha issir talba lil Transport Malta dwar dan is-suġġeriment.

9.07 Is-Sindku informa lill-Kunsill li Mario Gauci li joqgħod fi Triq Għammar talab biex isiru żewġ toqob għall-arbli tal-festa. Il-Kunsill qabel li għandhom isiru dawn it-toqob.

9.08 Is-Sindku informa lill-Kunsill li wasallu ilment li fi Triq il-Fenek malli jispiċċa t-tarmak hemm parti tat-triq li hi magħmula bis-siment u li għandha bżonn il-manutenzjoni. Il-Kunsill qabel li l-ħaddiem Spiro Farruġia għandu jagħmel ix-xogħol meħtieġ.

Il-laqgħa li jmiss ġiet appuntata għal nhar l-Ġimgħa 29 ta’ Novembru, 2013 fis-7.00p.m.

Il-laqgħa tal-lum intemmet fid-9.30p.m.

Av. Daniel Attard
Sindku

Ruben Cassar
Segretarju Eżekuttiv